MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2003

Numru. 513/98
Kawza Numru. 1

**Il-Pulizija
(Spettur Paul Vassallo)**

**- vs -**

**Raymond Gatt ta' 37 sena iben l'Emanuel u Beatrice xebba Attard li joqghod 'Sardonixe' Triq il-Kapuccini, Rabat, Ghawdex.
(Karta ta' l-Identita` Nru 30861G)
u
Mario Gatt ta' 39 sena iben l'Emanuel u Beatrice xebba Attard li joqghod 'Greta' Triq Michele Busuttil, Rabat , Ghawdex.
(Karta ta' l-Identita` Nru 46159 G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati talli fit-18 ta' Lulju 1998 ghall-habta ta' l-10:00 a.m. u wkoll xi granet qabel id-data hawn imsemmija, fl-inhawi maghrufa bhala

tal-Qasam limiti tal-Qala, minghajr licenzja tal-pulizija bnew jew ghamlu xi haga fi triq, fil-post hawn indikat, li tista' ggib xkiel jew periklu jew inkomdu lill-pubbliku.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tordna lill-imputati sabiex inehhu l-inkonvenjent/ingombru fi zmien li jidrilha xieraq u dan taht penali hekk iffissat mill-istess Qorti fin-nuqqas.

Semghet il-provi;

Rat l-atti tal-kawza;

Ikkunsidrat illi din il-kawza instemghet flimkien ma' kawzi ohra komuni kontra l-istess imputat u kontra imputati ohra. Fil-kaz in dizamina, minkejja l-ammont kbir ta' xhieda li nstemghu u d-dokumenti prezentati, li jaghmlu wkoll parti mill-kawzi l-ohra kif fuq spjegat, jirrizulta li kien hemm element ferm importanti li qatt ma kkunsidraw il-partijiet. Dan il-punt qed ikun sollevat ex officio minn din il-Qorti stante li hu ta' ordni pubbliku u dan jirreferi ghall-fatt illi l-artikolu li bih huma akkuzati l-imputati ma ghadux fis-sehh fl-intier tieghu. L-artikolu 25 tal-Kap 10 kien emendat bis-sahha ta' l-artikolu 33 u Skeda ta' l-Att XXVII ta' l-2001. Qabel dik id-data hadd ma seta' jaghmel bini jew kostruzzjoni fit-toroq minghajr il-licenzja tal-Pulizija. L-att XXVII issostitwixxa l-kelma "Pulizija" bil-kelma "Kunsill Lokali" u b'hekk jirrizulta illi ma jinhtiegx aktar permess tal-pulizija u minfloku tal-Kunsill Lokali sabiex isir bini jew haga ohra fit-toroq. Stante li l-artikolu 25 tal-Kap 10 kien emendat minghajr ma kienu salvati l-azzjonijiet pendenti kontra xi imputati. Jirrizulta li l-akkuza kif dedotta ma tikkostitwix rejat.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputati hatja u tilliberahom.

--------------------------------TMIEM-------------------------------